MALTA

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA** KRIMINALI
**MAGISTRAT DR. SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-6 ta' Marzu, 2014
Numru. 50/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Louise Calleja)**

**vs**

**STEPHEN CASHA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Stephen Casha ta’ 38 sena, iben Anthony u Maria Concetta nee Borg, imwieled Pieta' fit-22 ta' Lulju 1969 u joqghod gewwa Entrance 35, Flat 1, Bini tal-Gvern, Tal-Kuncizzjoni, Msida. Numru ta’ l-Identita' 286969(M)

Gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, f'Jannar 2008 u fis-snin ta' qabel, b'diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1) Bi vjolenza jew b'thedida gieghel, jew bil-qerq, hajjar ghall-prostituzzjoni ta' martu Marvy (Mary Elvira) Casha,

2) Xjentement ghex ghal kollox jew in parti mill-qliegh tal-prostituzzjoni ta' martu Marvy (Mary Elvira) Casha,

3) Zamm jew ezercita jew kellu burdell jew dar, jew lokal iehor jew ta' xi parti minnhom ghal skop ta prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra immorali,

4) Bl-imgieba tieghu ikkaguna lil martu Marvy (Mary Elvira) Casha u xi presuni ohra, biza li ser tintuza vjolenza kontrihom, meta hu kien jaf jew messu kien jaf li dik l-imgieba tieghu se tikkagunalhom biza,

Akkuzat ukoll talli bejn Mejju 2004 u Lulju 2004, f'Hal-Luqa, ikkommetta serq ta' curkett li l-valur tieghu huwa anqas minn mitt lira (233 Euros) liema serq huwa kkalifikat bil-persuna u l-hin u li sar ghad-detriment ta' Kingsley Wilcox,

Il-Qorti giet mitluba sabiex jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta' ta' l-imsemmija Marvy Casha u l-familja taghha, minn issa tapplika l-provedimenti tal-Artikoli 412C tal-Kodici Kriminali u taghmel Ordni ta' Protezzjoni taht dawk il-kawtieli li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa;

F'kaz ta' htija l-Qorti giet mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta ta' Marvy (Mary Elvira) Casha u l-familja taghha ai termini ta’ l-artikolu 382A et sequitur, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali esebit a fol. 19 tal-Process u nnutat li l-imputat Stephen Casha m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Rat l-artikoli 17, 18, 31, 205, 251B, 261(d) u (f), 268, 270 u 281(b) tal-Kap. 9 u l-artikoli 205, 7.1 u 8.1 tal-Kap. 63 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Stephen Casha, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-imputat Stephen Casha ghall-piena ta’ sentejn (2) prigunerija u mitt Ewro (Ewro 100) multa u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta’ prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perijodu ta’ erba’ (4) snin millum l-imputat Stephen Casha jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Stephen Casha l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------